KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 22**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta 9 ta' Frar, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Vincent Bonello – Viċi Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**UFFICCJAL PREŻENTI:**

Daniel Buġeja – Segretarju Eżekuttiv

**22.01 ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

22.01.01 Cynthia Tommasuolo – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**22.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

22.02.01 Ġew iċċirkolati l-Minuti ta' Seduta Nru 21 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Minuti ġew approvati unanimament.

**22.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

22.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil Kunsill li t-Tender ta' r-restawr ta' l-istazzjon ta' l-ferrovija sa jkun qed jerġa jiġi ipublikat.

22.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-artist Justin Bonnici aċetta li jagħmel il-mural fi' Ġnien Salvinu Spiteri, huwa sa jtina xi ideat u l-kunsill jagħżel.

22.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-pouches għat tfal waslu u tfal sa jingħataw straw ta' l-bamboo wkoll biex inħeggu inqas użu ta' plastic.

22.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kien hemm diversi laqgħat biex ikollna l-berġa fil-Ħamrun. Huwa qal li hemm diskussjonijiet biex jintuża parti min stabilliment kummerċjali jew inkella jikera xi post privat. Huwa qal ukoll li servizzi.gov informawna li imħajjrin li jiftħu uffiċċju l-Ħamrun. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issuġerixxa li nixtru post ahna u nikruħ, il-kunsill qabel li jistenna u nikunsidraw kwalunkwe possibilta'.

22.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Community Police talbuna nixtru e-Bike biex tintuża mingħandom waqt li qed jagħtu servizz fil-Ħamrun. Din tiswa €2,150.00. Kunsill qabel unanimament. Huwa fakar ukoll li sa jkollna laqgħa fil-qrib meta jilħqu l-uffiċjali responsabli ta' l-Ħamrun.

22.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** irimarka li l-Quddiessa ta' 2 ta' Frar kienet suċċess, huwa qal li kellu rispons tajjeb kemm għal organizzazjoni kif ukoll għal innu. Kunsill qabel unanimament u qal li kellu l-istess rispons.

22.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-applikazjoni biex jiġi restawrat Torri ġiet sottomessa.

22.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** irimarka li kien hemm ħafna tifħir fuq id-dwal ta l-Valentine fil-Ħamrun, huwa qal li dan jagħmlilna kuraġġ biex nagħmlu iktar affarijiet simili. Huwa issuġerixxa li għal żmien il-karnival issiru installazjonjiet f'diversi zoni fil-Ħamrun għal spiża ta' €525. Il-Kunsill qabel unanimament.

22.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** issuġerixxa li tiġi installata Alarm fil-kunsill għal spiża ta' €1400. Kunsill qabel unanimament.

22.03.10 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li kien hemm talba min stabilliment kumerċjali biex il-PA System tibqa għadejja waqt il-ħinjiet tal-ftuħ ta' l-ħwienet. Huwa qal li ħwienet sa jingħatu possibilta li jireklamaw, €40 għal xahar €100 għal 3 xhur. Il-Kunsillier Jurgen Grixti issuġerixxa li jsir post fuq il-paġna Shopping In Hamrun. Kunsill qabel unanimament ma kollox.

22.03.11 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li inbidel is-supretendent ta' distrett, huwa qal dan jixtieq jintaqa ma' l-kunsilliera u jkollu aċess għal-kameras. Huwa issuġerixxa li jinxtara kopmjuter u jingħata lil Puluzija biex ikollhom aċess. Kunsill qabel unanimament.

22.03.12 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lilll-Kunsill li r-reġjun tagħna €500 għal librerija.

22.03.13 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-programm televiżiv huwa pjanat li jibda f'Mejju. Huwa qal li l-Backdrop sa tiġi ordanata biex tintuża waqt il-programm. Il-Programm sa jkun ta' siegħa bi' 12 il-minuta reklami. Il-ħwienet ġew infurmati li jistgħu jagħmlu reklam għal €300 ta' 15 il-sekonda. Sa jkun hemm ħinjiet li għal każini u personaġġi Ħamruniżi.

22.03.14 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li lis-Sinjura Fiorella Schembri għamlet talba li taħdem mid-dar, u li l-Over Time li tagħmel jinqeleb f'time off B'ċertu kundizzjonjiet.

22.03.15 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li infrastructure Malta ħa jirranġaw il-bankina ta' Triq Villambrosa, filwaqt li qed nidiskutu dwar l-Un/Loading Bay ta' Triq Duka ta' Edinburgh minħabba li perikoluża.

22.03.16 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill flimkien ma' l-għaqda ta' Liberty tkellimna ma' Transport Malta u sa issir ħidma biex statwa ta' San Gejtanu titpoġġa fejn il-Knisja ta' San Gorg Preca.

22.03.17 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li l-Fondazzjoni Sebħ infurmawna li hemm persuna xtaqet tigħn lil Kunsill fejn jiħdlu anzjani b'nuqass ta' mobilta. Kunsill qabel lil nitkelmuwa waqt laqgħa ohra.

22.03.18 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li sinjura b'diżabilta' talbitna spejjeż ta' mutur li tuża minħabba inċident li kella fuq bankina fil-Ħamrun. Huwa issuġerixxa li nitkellmu ma' l-kumpanija ta' assigurazzjoni. Kunsill qabel unanimament.

22.03.19 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill li hemm skema SPI/SCI/3/2021.Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021. Huwa issuġerixxa li napplikaw għal-Festival ta' ċ-ċikkulata kif ukoll attivita' għal żmien il-festi ta' l-Milied. Kunsil qabel unanimament.

**22.04 Ismijiet Toroq fil-Ħamrun**

22.04.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li irċevejna talba biex Sqaq San Antnin jinbidel l-isem minħabba pustiera. Kunsill qabel unanimament li jisemma Sqaq il-Hamrija.

22.04.02 **Il-Kunsillier Vince Bonello** issuġerixxa li triq Duka ta' Edinburgh tingħata isem Triq Is-Santwarju Madonna ta' S-Samra biex tfakkar l-istess santwarju li jinsab fit-triq. **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** issuġerixxa li qabel issir konsultazzjoni ma' residenti. Kunsill qabel li tinbgħat ittra bħala survey.

**22.05 Triq Kapillan Mifsud**

21.05.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-Water Services Corporation lesta tħallas parti min l-ispiża biex titkompla it-triq, filqawt li l-kunsill jħallas il-kumplament li jammonta għal madwar €60,000. Kunsill qabel unanimament.

**22.06 Triq Cordina Perez**

22.06.00 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li bdew id-diskussjonijiet ma' periti biex issir ix-xogħol fi' triq Cordina Perez.

**22.07 Ġimgħa l-Kbira fil-Ħamrun**

22.07.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li l-Għaqda Armar Kunċizzjoni għamlu talba biex jagħmlu xi slaleb bi spiża ta' €1,500 għal 18 il-salib. Kunsill qabel unanimament.

22.07.02 **Il-Kunsilier Efrem Buttiġieġ** qal li ġie avviċinat min l-artista Francelle Pace biex tagħmel wirja ta' arti. Kunsill qabel li minħabba sitwazzjoni, għalissa mhux ideali li issir din il-wirja.

**22.08 Skema Titjieb Playgrounds**

22.08.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li hemm skema SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill qabel unaniment li napplikaw għal-Ġnien Anton Buttiġieġ u Pjazza San Pawl.

**22.09 Skeda ta' Ħlasijiet**

22.09.01 **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġa fuq il-mejda l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Diċembru, 2020.

**Il-Kunsillier Josef Cushcieri** ippropona l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet. **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** issekondat il-mozzjoni.

L-iskeda ta' ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**22.10 Ħwejjeġ Oħra**

22.10.01 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** talab biex issir mera faċċatta ta' triq il-Fattati. **Is-Segretarju Eżżekutiv** ħa nota.

22.10.02 **Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ** informa lil kunsill li waslulu xi rapporti dwar ħanut partikolari fi' triq il-Franġiskani li qed joħrog l-iskart u jpoġġi xi xogħol fuq il-pavimentar. **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil kunsill li intbgħatu l-ittri u saru ir-rapporti

22.10.03 **Il-Kunsillier Vincent Bonello** talab biex jinbidlu tabelli, biex jinġabar ħmieġ ta' l-klieb fiz-zona ta' Raabat. **Is-Segretarju Eżżekutiv** ħa nota.

22.10.04 **Il-Kunsillier Joseph Cuschieri** inotta li zona fejn Blata l-Bajda hemm problema ta' ħamiem. Huwa ġie informat li jekk resident jagħtu aċess għal bjut, inkunu nistgħu nqabdu persuna biex dan jaqbadom. Huwa qal li sa jkun qiegħed jitkellem ma xi residenti.

**22.09 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

22.09.01 Il-laqgħa intemmet fid-8:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat-Tlieta 16 ta' Marzu, 2021 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 16 ta' Marzu

Christian Sammut
Sindku

Daniel Bugeja
Segretarju Eżekuttiv